22002D0067

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 67/2002

tal-31 ta' Mejju 2002

li temenda l-Protokoll 31 li jinsab mal-Ftehim ŻEE, dwar koperazzjoni fl-oqsma speċifiċi barra l-erba libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Protokoll 31 li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt ŻEE Nru 165/2001 tal-11 ta' Diċembru ([1]).

(2) Huwa xieraq li tkompli l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar azzjonijiet preparatorji għall-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-politika dwar iż-żgħażagħ – nefqa dwar l-immaniġġar amministrattiv.

(3) Huwa xieraq li tkompli l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar azzjonijiet Preparatorji għall-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-politika dwar iż-żgħażagħ.

(4) Il-Protokoll 31 li jinsab mal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat biex jippermetti li l-koperazzjoni tkompli 'l hinn mil-31 ta' Diċembru 2001,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-test tal-punt 2f (Azzjonijiet preparatorji għall-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-politika taż-żgħażagħ) fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 31 li jinsab mal-Ftehim għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2f. L-Istati EFTA għandhom, b'effett mill-1 ta' Jannar 2001, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu mal-linji ta' l-estimi li ġejjin, imdaħħla fl-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin finanzjarji 2001 u 2002:

– **B3-1 0 0 0 A**: 'Azzjonijiet preparatorji għall-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-politika dwar iż-żgħażagħ – nefqa dwar l-immaniġġar amministrattiv';

– **B3-1 0 0 0**: 'Azzjonijiet preparatorji għall-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-politika dwar iż-żgħażagħ.'."

([1]) ĠU L 65, tas-7.3.2002, p. 48.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002, kemm-il darba n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu intgħamlu lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', l-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġiet konstituzzjonali m'huma indikati.